PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8575 — OTPP/AIMCo/Borealis/KIA/LCY)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 234/05)

1. Fit-13 ta' Lulju 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriżi Ontario Teachers' Pension Plan Board ("OTPP", il-Kanada) u Alberta Investment Management Corporation ("AIMCo", il-Kanada), u Borealis European Holdings ("Borealis", in-Netherlands), u Kuwait Investment Authority ("KIA", il-Kuwajt) jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet takkwista kull kontroll konġunt ta' London City Airport ("LCY", ir-Renju Unit), permezz ta' emenda tal-ftehim tal-azzjonisti li għandhom x'jaqsmu LCY.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal OTPP: l-amministrazzjoni ta' benefiċċji tal-pensjoni u l-investiment ta' assi ta' pjanijiet tal-pensjoni f'isem madwar 318 000 għalliem attivi u rtirati fil-Provinċja Kanadiża ta' Ontario.

— għal AIMCo: ġestjoni ta' investiment istituzzjonali.

— għal Borealis: ġestjoni b'mod esklussiv tal-infrastruttura għall-Ontario Municipal Employees Retirement System (OMERS) u li hija proprjetà ta' OMERS li tamministra portafoll dinji diversifikat ta' stocks u bonds kif ukoll proprjetà immobbli, infrastruttura u investimenti tal-ekwità privata għal aktar minn 470 000 membru u pensjonanti f'isem madwar 1 000 persuna li jħaddmu madwar Ontario, il-Kanada.

— għal KIA: investitur dinji, b'investimenti fiż-żoni ġeografiċi prinċipali kollha u fil-klassijiet ta' assi prinċipali kollha, li jkopru ekwitajiet, introjtu fiss, teżor, ekwità privata u proprjetà.

— għal LCY: ajruport kummerċjali fis-City of London.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8575 — OTPP/AIMCo/Borealis/KIA/LCY, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.